

## *Apprezzament*

# Is-Surmast John Mamo

**Cecilia Borg Sammut**

Missier eżemplari, kompożitur, Surmast ta' tliet baned Maltin. Kien idoqq it-trumbun, kien is-solista mal-Banda La Valette. Ħabib kbir antik u preżent tagħna.

Jien ser nikteb biss f'hiex kienet il-ħbiberija tagħna.

Kull meta konna niltaqgħu, dejjem kien jgħidli, "Ma' missier Ġużeppi tiegħek kont ħabib kbir". Dejjem kien jirrakuntali, li meta kien jiġi biex idoqq il-Mellieħa, mal-Banda Imperial, "Toni, missier Ġużeppi, kien joħodni d-dar tiegħu u jtini kikkra kafè, jew luminata, imbagħad immorru għall-kunċert flimkien għax (Spiru) Toni tat-Tabbakku wkoll kien idoqq! Imbagħad meta Ġużeppi tiegħek beda jdoqq it-trumbun bħali, dejjem konna niltaqgħu għax sikwit konna ndoqqu flimkien".

U l-istorja tkompli, imbagħad meta s-Surmast Sammut, irriżenja mill-Banda Imperial minħabba saħħtu, Ġużepp tiegħi qal lil sħabu tal-Kumitat dwaru u marru jkellmuh, għax huma kienu jafu li kien Surmast is-Siġġiewi u anke B'Kara. Dan aċċetta mill-qalb għax hu kien jaf ħafna bandisti mill-Mellieħa.

Esperjenza oħra li qaltli s-Sinjura tiegħu Mary, li "wara li miet Ġużepp tiegħek, għodwa minnhom mar fuq il-pjanu u beda jdoqq, u jikteb, u mort ngħidlu li sar nofs in-nhar, u l-ikel lest"! Hu qalli "Tkellimnix ftit baqgħali, dalwaqt niġi"! Xħin sar, mar jiekol, staqsietu x'kien qed jikteb u hu qalilha, " Kont qed nikteb dak li nħoss". Imbagħad qalilha, "għamilt marċ funebri "*In memory of Joseph Borg*!" għax kien ħassha ħafna l-mewt tiegħu. Aħna konna grati lejh u lejn ir-rispett li kien iġieblu.

Darba kont qed nieħu te fil-każin u ġie fejni u qalli, "Qed nagħmel innu lill-Madonna għall-festa u int trid tikteb il-kliem!" u jien għidtlu "Le ta, għid lil xi ħadd ieħor", u reġa' qalli, "Int trid tikteb il-kliem, inti kapaċi!" u nsomma ppruvajt u rrnexxieli. Lestejtu u veru ħareġ sabiħ u rringrazzjajtu tal-fiduċja li wera fija! Min jiġi lejliet il-festa tal-Vitorja, jista' jisimgħu; tassew hu innu sabiħ!.

Imbagħad xi ngħidu għall-marċ 'Tal-Iljun'! Tassew sabiħ, brijuż u addattat għalina, u hu ħafna popolari, għax anke n-nies li jiġu għall-festa, barra mill-Mellieħa, kulħadd isaqsina, x'ħin ser jindaqq 'Tal-Iljun'. Tassew marċ sabiħ u mexxej. Rigal prezzjuz għalina l-membri u ħbieb tal-Banda Imperial. Marċ li jfakkarna fih sakemm nibqgħu ħajjin.

Kien hu wkoll li għen, inkoraggixxa u mexxa lil Tonio, biex ikompli bl-istudju u jrawmu fid-Direzzjoni tal-Banda, biex ikun is-Surmast tal-Banda Imperial wara li hu jirtira.

Aħna s-soċi u l-ħbieb ħadna gost ħafna bis-Surmast Mamo, meta sentejn ilu ġie l-Mellieħa u f'lejlet il-festa, tela' fuq il-planċier u mexxa l-marċ popolari tiegħu 'Tal-Iljun', fl-età venerabli ta' 93 sena!

Aħna obbligati li nitolbu għaliħ, u nibqgħu niftakkru fih bħala Surmast u ħabib kbir fil-memorja tagħna.

Kemm kien bniedem maħbub u onorat juri l-funeral li kellu. Ħadu sehem it-tliet baned li mexxa hu, matul ħajtu. U ċ-ċapċip tan-nies li mlew il-Bażilika ta' Sant'Elena B'Kara! Surmast itlob għalina mill-Glorja tal-Ġenna.